2025/963

20.5.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/963

tal-20 ta' Mejju 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 ([1]).

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-kampanja ibrida tar-Russja, inkluż is-sabotaġġ, it-tfixkil tal-infrastruttura kritika, l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u t-tentattivi biex tiġi mminata d-demokrazija, inkluż fil-proċess elettorali, kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill iddikjara li kien ser ikompli jsaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom u juża bis-sħiħ il-mezzi kollha disponibbli biex jipprevjeni u jiskoraġġixxi l-attivitajiet ibridi tar-Russja u jirreaġixxi għalihom.

(3) Fis-27 ta' Jannar 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà nnotat li l-azzjonijiet ibridi tar-Russja qed jiżdiedu fil-frekwenza u fl-intensità.

(4) Fit-12 ta' Marzu 2025, il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-white paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea, issottolinja li l-protezzjoni tal-fruntieri tal-art, tal-ajru u tal-baħar tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Unjoni kollha kemm hi, u appella għal miżuri immedjati biex jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-fruntiera tal-Grigal tal-Unjoni mar-Russja u l-Belarussja billi tiġi stabbilita linja ta' difiża komprensiva u reżiljenti fl-oqsma tal-art, tal-ajru u marittimi biex jiġi miġġieled it-theddid militari u ibridu inkluż l-użu tal-enerġija bħala arma, is-sabotaġġ tal-infrastruttura u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni.

(5) Għalhekk huwa xieraq li tiġi introdotta projbizzjoni fuq tranżazzjonijiet relatati ma' assi tanġibbli marbuta mal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja, inkluż bastimenti, inġenji tal-ajru, proprjetà immobbli, u elementi fiżiċi tan-networks diġitali u tal-komunikazzjoni. Tali assi tanġibbli jinkludu kemm dawk ta' natura mobbli, kif ukoll dawk ta' natura immobbli. L-assi tanġibbli jenħtieġ li jkunu identifikabbli b'mod adegwat, sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-projbizzjoni.

(6) Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta projbizzjoni fuq tranżazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet li jipprovdu servizzi tal-kriptoassi li, direttament jew indirettament, jiffaċilitaw attivitajiet għal, jew inkella jibbenefikaw minn, persuni, entitajiet jew korpi involuti fl-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja.

(7) Ir-Russja involviet ruħha f'kampanja sistematika u internazzjonali ta' manipulazzjoni tal-media u distorsjoni tal-fatti sabiex issaħħaħ l-istrateġija tagħha ta' destabbilizzazzjoni tal-pajjiżi fil-viċinat tagħha u l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. B'mod partikolari, il-propaganda u d-diżinformazzjoni ġew immirati ripetutament u konsistentement lejn partiti politiċi Ewropej, speċjalment matul perjodi elettorali, kif ukoll lejn is-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tal-minoranzi, ir-refuġjati, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha.

(8) L-azzjonijiet ibridi mir-Russja għaddew minn għadd ta' aġenziji tax-xandir taħt il-kontroll permanenti dirett jew indirett tat-tmexxija Russa. Tali azzjonijiet jikkostitwixxu theddida sinifikanti u diretta għall-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni. Dawk l-aġenziji tax-xandir huma essenzjali u strumentali, *inter alia*, biex jitwettqu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza mir-Russja kontra l-Unjoni, jew l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali, jew pajjiżi terzi.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj)

(9) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'reazzjoni għall-azzjonijiet destabbilizzanti tar-Russja, jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-liċenzji tax-xandir fl-Unjoni tal-aġenziji tax-xandir Russi taħt il-kontroll permanenti tat-tmexxija Russa, u jiġu pprojbiti milli jxandru l-kontenut tagħhom fl-Unjoni, jew direttlejn l-Unjoni. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jinżammu sakemm ir-Russja u dawk l-aġenziji tax-xandir jieqfu jwettqu azzjonijiet ta' propaganda kontra l-Unjoni, Stat Membru wieħed jew aktar tagħha, organizzazzjoni internazzjonali jew pajjiż terz.

(10) Dawn il-miżuri huma konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intraprizà u d-dritt għall-proprjetà, kif rikonoxxuti fl-Artikoli 11, 16 u 17 tagħha. L-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi ma żżommx lil dawk l-aġenziji tax-xandir jew l-persunal tagħhom milli jwettqu attivitajiet fl-Unjoni għajr ix-xandir, bħal riċerka u intervisti. B'mod partikolari, dawn il-miżuri restrittivi ma jimmodifikawx l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż dawk fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' persuni fiżiċi, kif elenkati fl-Anness I, li huma:

(a) responsabbli għal, li jimplimentaw, li jappoġġaw, li jibbenefikaw minn, involuti fi jew li jiffaċilitaw azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew ta' pajjiż terz, permezz ta' waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ direttament jew indirettament, jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar tat-tfixkil jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku jew tal-ordni u s-sikurezza pubbliċi, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet jew billi jippruvaw jiddestabbilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ direttament jew indirettament għal, l jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta', dimostrazzjonijiet vjolenti;

(iii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ direttament jew indirettament għal, jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta' atti ta' vjolenza fiżika jew mhux fiżika, inkluż attivitajiet li jsikktu, jintimidaw, jisforzaw, jew iwasslu għal tpattija kontra persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Federazzjoni Russa;

(iv) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ direttament jew indirettament għal jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta', l-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza;

(v) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ direttament jew indirettament għal, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe azzjoni mmirata lejn il-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, l-attivitajiet ekonomiċi jew is-servizzi ta' interess pubbliku, inkluż permezz ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, jew immirata biex tinterferixxi ma', tagħmel ħsara jew teqred, inkluż permezz ta' sabotaġġ jew attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi bħala parti minn attivitajiet ibridi, l-infrastruttura kritika, inkluż infrastruttura sottomarina;

(vi) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ direttament jew indirettament għal, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-istrumentalizzazzjoni ta' migranti kif imsemmija fl-Artikolu 1(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1359;

(vii) it-teħid ta' vantaġġ minn kunflitt armat, mill-instabbiltà jew mill-insigurtà, inkluż permezz tal-isfruttament ta', jew il-kummerċ illeċiti ta' riżorsi naturali u ta' annimali selvaġġi f'pajjiż terz;

(viii) l-istigazzjoni, l-appoġġ għal jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta' kunflitt vjolenti f'pajjiż terz;

(b) assoċjati mal-persuni fiżiċi elenkati fil-punt (a);

(c) jappoġġaw lill-persuni fiżiċi involuti f'attivitajiet imsemmija fil-punt (a)";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma:

(a) responsabbli għal, li jimplimentaw, li jappoġġaw, li jibbenefikaw minn, involuti fi jew li jiffaċilitaw azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew ta' pajjiż terz, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ għal direttament jew indirettament, jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar tat-tfixkil jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku jew tal-ordni u s-sikurezza pubbliċi, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet jew billi jippruvaw jiddestabbilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ għal direttament jew indirettament, jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta' dimostrazzjonijiet vjolenti;

(iii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ għal direttament jew indirettament, jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta' atti ta' vjolenza fiżika jew mhux fiżika, inkluż attivitajiet li jsikktu, jintimidaw, jisforzaw, iwasslu għal tpattija kontra persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Federazzjoni Russa;

(iv) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ għal direttament jew indirettament, jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar tal-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza;

(v) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ għal direttament jew indirettament, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe azzjoni mmirata lejn il-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, l-attivitajiet ekonomiċi jew is-servizzi ta' interess pubbliku, inkluż permezz ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, jew immirata biex tinterferixxi ma', tagħmel ħsara jew teqred, inkluż permezz ta' sabotaġġ jew attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi bħala parti minn attivitajiet ibridi, l-infrastruttura kritika, inkluż infrastruttura sottomarina;

(vi) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment fi, l-appoġġ għal direttament jew indirettament, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-istrumentalizzazzjoni ta' migranti kif imsemmija fl-Artikolu 1(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1359;

(vii) it-teħid ta' vantaġġ minn kunflitt armat, mill-instabbiltà jew mill-insigurtà, inkluż permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċiti ta' riżorsi naturali u ta' annimali selvaġġi f'pajjiż terz;

(viii) l-istigazzjoni, l-appoġġ għal jew b'xi mod ieħor l-iffaċilitar ta' kunflitt vjolenti f'pajjiż terz;

(b) assoċjati ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati taħt il-punt (a);

(c) li jappoġġaw lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti f'attivitajiet imsemmijin fil-punt (a), kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 2a*

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, dirett jew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni relatata ma' jew li tinvolvi kwalunkwe assi tanġibbli, bħal bastimenti, inġenji tal-ajru, proprjetà immobbli, portijiet, ajruporti u elementi fiżiċi tan-networks diġitali u tal-komunikazzjoni, kif elenkata fl-Anness II.

2. Il-lista fl-Anness II għandha tinkludi assi tanġibbli li:

(a) jintużaw f'attivitajiet ta' karattru destabilizzanti li jipperikolaw jew jagħmlu ħsara lill-infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura sottomarina, u li huma attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew għall-benefiċċju tiegħu;

(b) jintuża fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' theddid ibridu li jiksru r-regolamenti tal-Unjoni, nazzjonali, jew internazzjonali tat-traffiku tal-ajru, tal-baħar jew tal-art, u li huma attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew għall-benefiċċju tiegħu;

(c) jintużaw f'attivitajiet ta' karattru destabbilizzanti, inkluż spjunaġġ u sorveljanza, it-trasport ta' armi jew tagħmir u persunal militari, manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u li huma attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew għall-benefiċċju tiegħu;

(d) jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I , jew mikrija jew operata minnhom, jew inkella tintuża f'isem tali persuni, b'rabta magħhom, jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Il-projbizzjoni fill-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet neċessarji għal raġunijiet ta' sikurezza marittima jew tal-avjazzjoni, jew għal finijiet umanitarji, jew għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li jirriżultaw mir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni arbitrali mogħtija fi Stat Membru, jew għal tranżazzjonijiet imwettqa għall-finijiet ta' investigazzjoni fir-rigward ta' ksur ta' din id-Deċiżjoni jew ta' investigazzjoni fir-rigward ta' attività illeċita oħra.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet relatati ma' jew li jinvolvu assi tanġibbli elenkata fl-Anness II, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw, skont il-każ, li t-tranżazzjoni hija meħtieġa għal kwalunkwe skop konsistenti mal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din mogħtija fi żmien ġimagħtejn minnha.

Artikolu 2b

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttjew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma':

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li jkunu istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi, , involuti fi tranżazzjonijiet li jiffaċilitaw, direttament jew indirettament, attivitajiet imsemmijafl-Artikolu 1(1) jew l-Artikolu 2(1) jew inkella li jappoġġaw persuni, entitajiet jew korpi involuti f'attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) jew l-Artikolu 2(1); jew,

(b) persuna fiżika, entità jew korp li jipprovdu għajnuna teknika jew operazzjonali lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fl-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) jew l-Artikolu 2(1), kif elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għall-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, jew agrikoli u tal-ikel, inkluż il-qamħ u l-fertilizzanti;

(b) strettament meħtieġa biex jiġi żgurat aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni u dawk tar-Regolament tal-Kunsill(UE) 2024/2642 (*); jew

(c) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta', assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza, relatata jew għal evakwazzjonijiet.

Artikolu 2c

1. Għandu jkun ipprojbit għall-operaturi li jxandru jew li jippermettu, jiffaċilitaw jew b'xi mod ieħor jikkontribwixxu għax-xandir ta' kwalunkwe kontenut mill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness IV, inkluż permezz ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni bi kwalunkwe mezz, bħal kejbil, satellita, IP-TV, fornituri ta' servizzi tal-internet, pjattaformi jew applikazzjonijiet tal-internet ta' video-sharing, kemm jekk ġodda kif ukoll jekk installati minn qabel.

2. Kwalunkwe liċenzja jew awtorizzazzjoni tax-xandir, arranġament ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni mal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness IV għandhom jiġu sospiżi.

3. Għandu jkun ipprojbit li jiġu rreklamati prodotti jew servizzi fi kwalunkwe kontenut prodott jew imxandar mill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness IV, inkluż permezz ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni bi kwalunkwe wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj).";

(4) l-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2024/2643 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness jingħata t-titolu l-ġdid ta' "Anness I".

(2) Jiżdiedu l-Annessi li ġejjin:

"ANNESS II

Lista ta' assi tanġibbli msemmija fl-Artikolu 2a

[…]

ANNESS III

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2b

[…]

ANNESS IV

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2c

[…]".
